**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 21 ta' Mejju, 2025**

**Rikors Guramentat Nru: 65/2017 AF**

**Annetto Farrugia**

**vs**

**Avukat Generali u b'digriet tal-21 ta' Marzu 2018, il-Qorti ordnat li tissejjah fil-kawza "Olive Gardens Investments Limited"**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Annetto Farrugia, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrent flimkien ma' hutu, huma proprjetarji tal-art maghrufa bhala "Ta' Mazza", fiz-Zurrieq.

Is-socjetà Olive Gardens Investments Limited (C-16715) hija proprjetarja tal-art adjacenti maghrufa bhala "Ta' Dukkara", liema art hija hekk maghrufa ghaliex fuqha tezisti "dukkara", jigifieri, post pjuttost gholi li minn fuqu kien jigi sorveljat u protett ir-raba ta' madwaru (tindokra), u dan fost bini iehor ben deskritt fl-atti notarili qodma.

Ir-rikorrent kien wiehed mill-partijiet fil-kawza civili Citazzjoni Numru 418/05 fl-ismijiet *"Olive Gardens Investments Limited (C-16715) vs Salvu, Annetto, John, Francis, Joseph, Carmen u Carmelo ahwa Farrugia u b'digriet tat-22 ta' Jannar 2007 gew kjamati in kawza Jane Mercieca u Mary Ann Sammut u b'digriet tat-8 ta' Marzu 2016 Catherine Farrugia giet awtorizzata tassumi l-atti tal-kawza bhala kuratur de jure tal-wirt battal tal-mejjet zewgha John Farrugia*".

Il-premessi avvanzati minn Olive Gardens Investments Limited fil-kawza civili kienu s-segwenti:

> "Peress illi l-konvenuti, b'mod abbuziv, illegali u frawdolenti, qeghdin jghidu u jiddikjaraw illi l-imsemmija porzjon diviza ta' art hija proprjetà taghhom u dan ukoll meta minn dejjem ilhom jafu illi dan mhuwiex minnu billi huma jiddetjenu l-istess porzjon diviza ta' art b'titolu ta' qbiela biss.
>
> Peress illi l-agir tal-konvenuti li bih qeghdin jirritjenu illi l-porzjon diviza ta' art de quo tappartjeni lilhom ikkawza u qieghed jikkawza danni konsiderevoli lis-socjetà attrici u dan billi l-istess agir qieghed jimpediha milli tipprocedi sabiex tizviluppa l-istess art skond il-ligi.

> Peress illi rinfaccjati bi provi cari li l-art de quo mhijiex taghhom u li minn dejjem kienu jafu b'dan u interpellati sabiex jirrikonoxxu dan l-istat ta' fatt, l-konvenuti baqghu jwebbsu rashom u jsostnu li l-istess art hija taghhom."

It-talbiet gudizzjarji mressqa minn Olive Gardens Investments Limited kienu s-segwenti:

> "1. Jigi dikjarat u deciz illi l-porzjon diviza ta' art illi s-socjetà attrici xtrat permezz tal-kuntratt fuq imsemmi tat-22 ta' Novembru 2003 (Dok. X) ippubblikat minn Nutar Mario Bugeja tappartjeni lis-socjetà attrici u mhux lill-konvenuti, li ghandhom biss titolu ta' qbiela fuqha.
>
> 2. Jigi ddikjarat u deciz illi bl-agir abbuziv, illegali u frawdolenti taghhom li jsostnu illi l-art de quo hija taghhom il-konvenuti qeghdin jaghmlu ostakoli bla bazi fil-process tas-socjetà attrici illi tizviluppa l-istess art u per konsegwenza l-istess socjetà attrici sofriet u qeghda ssofri danni li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti.
>
> 3. Jigu likwidati dawn id-danni, okkorrendo bl-opera ta' perit nominand.
>
> 4. Jigu l-konvenuti solidalment kkundannati jhallsu lis-socjetà attrici s-somma hekk likwidata in linea ta' danni."

Din kienet azzjoni rivendikatorja u ma saret l-ebda talba ghal xi korrezzjoni jew modifika tal-kuntratt. B'danakollu, fis-sentenza taghha, l-Onorabbli Qorti tal-Appell irridefiniet l-art akkwistata, minghajr biss ma kien hemm talba gudizzjarja biex l-art tigi ri-definita mill-Qorti.

B'sentenza tat-30 ta' Gunju 2010, li kienet sentenza ben motivata, l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-ewwel talba ta' Olive Gardens Investments Limited u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni, tielet u raba' talbiet taghhom.

Is-socjetà Olive Gardens Investments Limited u l-kjamati fil-kawza appellaw mis-sentenza.

Jinghad minghajr esitazzjoni illi s-sentenza fi grad ta' appell kif ukoll is-sentenza fir-ritrattazzjoni inkisbu minn Olive Gardens Investments Limited b'qerq.

Kemm fil-proceduri fl-ewwel istanza, kif ukoll fil-proceduri fl-istadju tal-appell, is-socjetà Olive Gardens Investments Limited ipprezentat xihdiet foloz, taghrif falz, dokumenti alterati u qarrieqa, u pjanti alterati, u wettqet raggiri u diversi forom ta' ghemil frawdolenti bil-ghan li tqarraq bl-Onorabbli Qorti tal-Appell, kif fil-fatt irnexxielha taghmel.

Permezz ta' sentenza tal-31 ta' Ottubru 2014, l-Onorabbli Qorti tal-Appell irrevokat is-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti u laqghet l-ewwel talba tas-socjetà attrici biex jigi dikjarat u deciz illi l-porzjoni diviza ta' art illi l-attrici xtrat permezz tal-kuntratt tat-22 ta' Novembru 2003 tan-Nutar Mario Bugeja "tappartjeni lilha u mhux lill-konvenuti Ahwa Farrugia, li ghandhom biss titolu ta' qbiela fuqha" – u dan billi ddikjarat illi kienet qed tilqa' l-ewwel talba attrici –

> "*limitatament fis-sens li minflok ma tiddikjara li l-porzjon diviza ta' art li xtrat is-socjetà attrici permezz tal-kuntratt tat-22 ta' Novembru 2003 ippubblikat min-Nutar Mario Bugeja (Dok. X) hija dik indikata bl-ahmar fuq is-site plan (Dok. B) u l-pjanta (Dok. A) annessi mal-istess kuntratt, tiddikjara invece li huwa l-porzjon diviza ta' art kif indikata bl-ahmar fuq is-site plan a fol. 165 (li huwa wkoll il-porzjon indikat RED fuq il-pjanta Dok. Appell 17 a fol. 149 hlief dik il-parti shaded bil-blu) li tappartjeni lis-socjetà attrici permezz ta' dan il-kuntratt, u li l-konvenuti ghandhom biss titolu ta' qbiela fuqha*".

Bis-sentenza msemmija tal-31 ta' Ottubru 2014, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, minghajr biss ma kellha talba ghal daqshekk quddiemha, issostitwiet l-art li s-socjetà attrici kienet akkwistat permezz tal-kuntratt tat-22 ta' Novembru 2003 ippubblikat min-Nutar Mario Bugeja, skond il-pjanti u site plan annessi ma' dak il-kuntratt, u ddikjarat li Olive Gardens Investments Limited kienet akkwistat l-art "Ta' Mazza", limiti taz-Zurrieq, li fil-fatt

tappartjeni lir-rikorrent u hutu. Illi b'hekk, l-Onorabbli Qorti tal-Appell irridefiniet l-art indikata fil-kuntratt, haga li l-ebda Qorti ma tista' taghmel, iktar u iktar fuq dawk it-talbiet gudizzjarji.

Olive Gardens Investments Limited talbet biex tithalla tipprezenta 22 dokument gdid fl-istadju tal-appell, u effettivament thalliet tipprezenta numri gmielu minn dawn id-dokumenti godda, u dan meta l-ligi ma tippermettix li jsir hekk hlief eccezzjonalment. Fost dawn id-dokumenti kien hemm pjanta tal-Perit Joseph Bondin li giet alterata.

Il-pjanta li giet annessa mal-kuntratt ta' akkwist ta' Olive Gardens Investments Limited giet annessa ta' taht fuq, bil-figuri kollha invertiti u rashom 'l isfel (Dok. A u Dok. F11).

B'rizultat ta' dawn ir-raggiri u hafna ohrajn, imwettqa mis-socjetà attrici u minn dawk li ghenuha, l-Onorabbli Qorti tal-Appell hadet it-titolu ghall-art "Ta' Mazza" minghand ir-rikorrent u hutu u tatu lis-socjetà attrici, li effettivament kienet xtrat l-art "Ta' Dukkara" u mhux "Ta' Mazza".

F'dina l-kawza ta' azzjoni reivindikatorja, filwaqt li l-Qorti tal-ewwel istanza marret fuq il-post u rat b'ghajnejha l-proprjetajiet kontestati, l-Onorabbli Qorti tal-Appell lanqas biss hadet il-briga li taghmel access fuq il-post biex tara b'ghajnejha u mhux b'ghajnejh id-difensur tas-socjetà attrici, qabel ma rrevokat is-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Il-konvenuti Farrugia pprezentaw talba ghal ritrattazzjoni tal-kawza fi stadju ta' appell, izda b'sentenza tat-28 ta' Gunju 2016, l-Onorabbli Qorti tal-Appell cahdet it-talbiet tar-rikorrenti. Ghal darb'ohra, l-Qorti tal-Appell naqset li tiehu l-briga li zzomm access biex tivverifika s-sitwazzjoni b'ghajnejha u mhux toqghod fuq dak li qalulha l-avukati tas-socjetà appellanti.

Ir-rikorrent studja sewwa l-kuntratt ta' akkwist ippubblikat min-Nutar Mario Bugeja fit-22 ta' Novembru 2003. Bih il-vendituri Mary Ann Sammut u Jane Mercieca, solidalment u indivizibilment bejniethom, u dana in kwantu ghal kwart indiviz (1/4) Mary Ann Sammut u tlett kwarti (3/4) indiviz Jane Mercieca, bieghu u

assenjaw u ttrasferew lill-kompratur socjetà kummercjali Olive Gardens Investments Limited (C-16715), "porzjon diviza ta' art tal-kejl ta' circa tmint elef erba' mija u tletin metri kwadri (8,430 m.k.) li tinsab fil-limiti ta' bejn in-Nigret u Bubaqra, fiz-Zurrieq, u hija msejjha Tad-Dokkara, accessibbli minn Triq Zaccaria Roncalli u minn numru ta' toroq ohra bla isem, u liema art tikkonfina mil-Lvant ma' sqaq bla isem li jaccedi ghal Triq it-Torri, mit-Tramuntana ma' beni ta' Gaetano Zammit jew l-aventi kawza minnu, u mill-Punent ma' beni ta' Giovanni Busuttil jew l-aventi kawza minnu u Punent ma' beni tal-familja Schembri, liema art hija indikata bil-lewn ahdar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata ittra "A" u site plan Dokument "B".

1. Fil-5 ta' Frar 2010 in-Nutar Mario Bugeja, minn jeddu, mar ghamel affidavit dettaljat u ffirmah u halfu quddiem in-Nutar Joe Cilia (Dok. F5), li fih huwa temm jghid:

"*Jien kont spiccajt ghamilt l-att finali ghax qghadt fuq kliemhom* [b'riferenza ghal Sammut u Mercieca] *li Farrugia jhallsu l-qbiela lilhom. Allura kif fethu kawza kontra l-familja Fenech u damu xi hames snin biex indunaw li*
   *(i) Farrugia kienu jokkupaw l-ghalqa*
   *(ii) Li qalu li kienu jircievu Lm24 fis-sena qbiela u wara dan l-ammont waqa' ghal Lm9 fis-sena?*
*A bazi ta' dak li nghad inhoss li l-ghalqa okkupata minn Farrugia u l-ghalqa li xtara l-Qassis huma zewg ghelieqi diversi.*

***Ma kontx nippubblika l-kuntratt li kienu kont naf bl-affarijiet indikati aktar 'il fuq.***"

2. L-imsemmi Nutar Mario Bugeja li ppubblika l-kuntratt li bih il-kjamati fil-kawza Sammut u Mercieca bieghu porzjon art <u>differenti minn dik tal-esponenti</u> lil Olive Gardens Investments Limited, spicca jaghti xhieda xokkanti (Dok. F4) li bilkemm titwemmen:

"*Le jiena esprimejt li ghamilt … inhoss … li jiena hekk inhossha, li prattikament ghamilt zball ghax kont in-Nutar taghhom, kellhom fiducja ghamja fija, ghamilt konvenju*

*wara daharhom, ghalkemm ma nistax nghidilhom konvenju, jiena nhossni prattikament ghamilt zball, iva, li ghamilt dan. Li kieku … imma dak iz-zmien issa z-zball …* ***troppo tardi, sar; u jiddispjacini li ghamilt dan l-izball ghax naf illi dawn kienu jafdawni mija fil-mija u nhossni li ttradejthom, dik hija l-verità****. Ridt nghid fuq l-ohra hija din tal-qorti, ma nafx jekk hux rekordjat jew le, illi …; ghax nixtieq niccara imma din; ghax din gie Nettu …"* [enfasi mizjuda]

3. Meta r-rikorrent kien kellem lin-Nutar Mario Bugeja l-ewwel darba, in-Nutar kien qallu "hemm taghkom u tistghu tbieghu; ghandkom id-deheb hemmhekk." Zied jghidlu: "Taz-Zejtun [Sammut u Mercieca] jafu li dik [Ta' Mazza] mhix l-ghalqa taghhom u li l-ohra [Ta' Dukkara] fil-fatt hija taghhom. Dak tad-Dukkara kien johrog ghall-Qassis bil-furkettun meta l-Qassis [Reverendu Amabile Fenech] jew qrabatu kienu jmorru biex jigbru l-qbiela tad-Dukkara minghand Camilleri." Dan id-diskors in-Nutar qatt ma rrepetih; qal li ma jiftakarx li kien qal hekk lir-rikorrent.

4. Fix-xhieda tieghu fil-kawza istitwita minn Munqar Limited, in-Nutar Mario Bugeja darbtejn kien qal li "ghandhom sittax (16)-il tomna art". Jekk wiehed jghodd 8.5 tmiem li hi l-art "Ta' Mazza" u 7.5 tmiem li hi l-art "Tad-Dukkara", dawn jigu precizament sittax (16)-il tomna. Din hija manifestament xhieda falza u hija prova li l-intenzjoni taghhom kienet li jakkwistaw b'mod qarrieqi z-zewg ghelieqi flimkien.

5. Bejn li sar il-konvenju bejn Olive Gardens Investments Limited u Sammut u Mercieca u d-data tal-kuntratt, dawn biddlu l-pjanta fi stadju ta' konvenju. Rigward dan, l-avukat ta' Olive Gardens Investments Limited ghamel affidavit. Ghamel affidavit iehor biex jghid li kollox kien qed jirrizultalu sew, izda fil-verità dan ma kienx hekk.

6. L-avukat tal-kumpannija ddikjara li kienet intilfet parti mill-process u bl-iskuza ta' hekk gew ipprezentati dokumenti ohra bi provi foloz. Id-dokumenti l-godda dahlu bhala mazz

wiehed u ma gewx iddentifikati u mmarkati individwalment. Dan jirrizulta minn fol. 447 sa fol. 465 tal-process.

7. Sammut u Mercieca xehdu li l-ktieb tal-qbiela ghadu ghandhom, imqatta' izda qatt ma pprezentawh il-Qorti. Qatt ma setghu jipprezentawh ghax l-ebda ktieb tal-qbiela ma jezisti ghax qbiela ma hemmx. Ir-rikorrent u hutu u l-predecessuri taghhom ma kellhomx titolu ta' qbiela izda titolu ta' proprjetà. L-ebda entrata dwar hlas ta' "gabella" (qbiela) fil-pagni esibiti a fol. 101 ma hija ffirmata. Jissemmew Salvatore, Carmelo, Antonio u Giuseppi izda ma hemmx firma wahda.

8. Is-socjetà attrici bdiet tghid li l-art taghha hija "Ta' Mazza", meta dan kien falz, peress li l-art li xtrat kienet "Ta' Dukkara", li kellha dukkara fuqha. Ir-ritratt F12 gie esibit minn Olive Gardens Investments Limited b'indikazzjoni falza ta' maqjel, meta fir-realtà hemm dukkara li tinsab fuq l-art tas-socjetà Olive Gardens Investments Limited "Ta' Dukkara".

9. L-aerial photograph Dok. F13 gie pprezentat mis-socjetà attrici b'indikazzjoni falza: "HARRUB" – meta dik indikata fuq l-aerial photo hija sigra tal-bajtar tax-xewk fil-proprjetà tal-esponenti "Ta' Mazza".

10. Il-pjanta F14 giet esibita mis-socjetà attrici b'indikazzjoni falza: "L-ART KONTINGWA". Il-pjanta F15 giet esibita mill-attrici b'indikazzjoni falza: "MEDJOKRI", meta fil-fatt hemm hafna hamrija fonda.

11. Is-socjetà attrici qabdet il-pjanta Dok. F7 maghmula u awtentikata mill-Perit Joseph Bondin, ghamlet alterazzjoni fuqha billi ghamlet "*shading*" fuq parti minnha fejn u kif riedet hi, ghamlet fotokopja gdida taghha, u – minghajr ma sejhet bhala xhud lill-Perit Joseph Bondin biex jikkonferma jew jichad dak li tnizzel fuqha – ipprezentatha fl-istadju tal-appell bhala Dok. "**Appell 17**" a fol. 149, liema pjanta alterata l-Qorti tal-Appell spiccat biex sejset is-sentenza

taghha fuqha, kif jirrizulta mill-ahhar paragrafu tas-sentenza tal-31 ta' Ottubru 2014.

12. Is-socjetà attrici u n-Nutar Mario Bugeja uzaw pjanta maqluba ta' taht fuq, jigifieri invertita, markata Dok. F11 jew Dok. A (anness mal-kuntratt tat-22 ta' Novembru 2003), b'mod li l-kliem stampat fuqha u n-numri mnizzla fuqha jidhru kollha rashom 'l isfel, liema pjanta turi l-artijiet maqlubin minn kif jidhru fi pjanti ohra, per ezempju Dok. F7 awtentikat mill-Perit Joseph Bondin.

13. Xi hadd ghan-naha tas-socjetà attrici pprezenta ritratt li juri li sigra li tingharaf sewwa mill-boghod bhala sigra antika tal-bajtar tax-xewk, u mmarkaha bil-vlegga bhala sigra tal-harrub!

14. Dan meta fir-realtà, hemm zewg sigar antiki tal-harrub, li ghadhom hajjin u li jinsabu indikati f'kuntratt antik miktub bil-lingwa Taljana "*due alberi di carrubi*". Kienu dawn iz-zewg sigriet tal-harrub, li s-socjetà attrici permezz ta' ritratt qarrieqi ta' sigra tal-bajtar tax-xewk, ippruvat tostor. B'dina x-xorta ta' manipulazzjoni sfaccjata, s-socjetà attrici spiccat biex –

- Maqjel tghid li hu *ricetto*
- *ricetto* tghid li hu bini dilapidat
- u sigra tal-bajtar tax-xewk tghid li hi sigra tal-harrub.

15. Permezz ta' dan il-qerq, Olive Gardens Investments Limited irnexxielha tizvija lill-Qorti dwar id-deskrizzjoni ta' "*scala di pietra scoperta*", "*una stanza di provisione*", "*una stalla*" u "*un bovile*". Dawn kollha – li jinsabu fl-art "Ta' Dukkara" appartenenti lill-kumpannija, hija hbiethom lill-Qorti tal-Apell, li kuntrarjament ghall-Qorti tal-Ewwel Istanza, lanqas zammet access biex tara b'ghajnejha minflok b'ghajnejn id-difensur tas-socjetà attrici.

16. L-Ghammieri hemm il-mapep li saru mill-Gvern Ingliz fl-1912. Fuqhom id-Dipartiment tal-Agrikoltura jimmarka l-art imqabbla. Fil-kaz tal-mapep li jirrigwardaw l-art tar-

rikorrent u hutu, d-Dipartiment tal-Agrikoltura m'ilux li ghadda dawn il-mapep lill-Arkivju Nazzjonali gewwa r-Rabat. Ir-rikorrent u certu Emanuel Camilleri kienu raw l-Ghammieri zewg kopji differenti tal-mappa numru 139 li tikkoncerna l-art tar-rikorrenti, avolja suppost ikun hemm 3 kopji ta' kull pjanta. L-impjegati tal-Arkivju Nazzjonali fir-Rabat isostnu li mill-Ghammieri ghaddewlhom kopja wahda biss. Il-mappa 139 li hemm disponibbli fl-Arkivju Nazzjonali turi li f'nofs l-ghalqa "Ta' Dukkara" hemm struttura wahda (id-dukkara) li hija isolata mill-bqija tal-bini ezistenti. Fl-art "Ta' Mazza" ma hemm l-ebda struttura simili. Hija din l-istruttura isolata (id-dukkara) li ghaliha ssemmiet l-art bhala "Tad-Dukkara". Filwaqt li l-gabillott kien jghix mal-familja tieghu fil-bini msejjah "Ricetto", l-ghassies kien joqghod ghassa bil-lejl fid-dukkara biex jindokra l-prodotti tar-raba tal-gabillott u ma jhallix lil min jisraqlu l-ucuh tar-raba. Hija proprju dina l-kamra, "*una stanza*", li tissemma' fir-rapport tal-perit li sar fl-1868.

17. Fid-denunzja ta' Maria Concetta Busuttil (fol. 78) art wahda biss giet denunzjata u din giet indikata bl-isem korrett "Tad-Dukkara", limiti ta' Bubaqra.

18. Mill-atti tal-kawza civili 418/05 (fol. 255 – 259) jirrizultaw id-differenzi sostanzjali li jezistu bejn dak li jinsab indikat fuq Map 139 tal-Ghammieri u l-Mapep li gew ippubblikati mill-Ministeru tal-Agrikoltura u Sajd fl-20 ta' Ottubru 2003 u min-National Statistics Office fil-11 ta' Novembru 2001. Dawn iz-zewg entitajiet nazzjonali jiddikjaraw illi l-ghalqa tar-rikorrent hija maghrufa fir-records taghhom bhala "Ta' Mazza", u ghalhekk mhux "Ta' Dukkara".

| Plot No skond Map 139 | Kejl tal-Plot skond Map 139 | Kejl tal-Plot skond il-Mappa fil-Ministeru tal-Agrikoltura u Sajd datata 20 ta' Ottubru 2003 |
|---|---|---|
| | | Fol Nr |
| 520 | 2.0.0 jew 2T 0S 0K | 256 2.0.8 jew 2T 0S 8K |
| 521 | 1.2.8 jew 1T 2S 8K | 258 1.3.2 jew 1T 3S 2K |

Jigi notat illi l-plots l-ohra mhumiex inkluzi f'dan ir-rendikont ghas-semplici raguni li dawn l-entitajiet ma qasmux din il-parti tal-art "Ta' Mazza" skond Plots 496, 498 u 499.

19. Minkejja li z-zewg sigar tal-harrub ghadhom jezistu fuq l-art "Ta' Dukkara", is-socjetà Olive Gardens Investments Limited bil-ghan li tinganna lill-Qorti tal-Appell kitbet hekk (fol. 986):

> "44. … jibda sabiex jigi sottomess illi allahares it-titolu ta' art kellu jiddependi fuq sigra tal-harrub li kienet tezisti 140 sena ilu u llum m'ghadhiex hemm."

20. Ir-rikorrent jistaqsi: Kif m'ghadhiex hemm? Is-sigra tal-harrub ghadha hemm sal-lum, u dan hadd ma jista' jmerih – u dan minkejja li s-socjetà attrici gieghlet lill-Qorti tal-Appell temmen li dawn spiccaw, m'ghadhomx jezistu, inqalghu jew mietu. Il-process kollu huwa mizghud b'din ix-xorta ta' qerq, mahsub biex jizvija lill-Qorti tal-Appell. Dan apparti l-fatt li difficli wiehed jimmagina kif il-Qorti tal-Appell setghet ticcensura s-sentenza appellata quddiemha u taqlibha minghajr ma zzur iz-zewg ghelieqi in kwistjoni "Ta' Mazza" u "Ta' Dukkara".

21. L-ewwel talba attrici kienet:

> "1) Jigi dikjarat u deciz illi l-porzjon diviza ta' art illi s-socjetà attrici xtrat permezz tal-kuntratt fuq imsemmi tat-22 ta' Novembru 2003 (Dok. "X") ippubblikat min-

Nutar Mario Bugeja tappartjeni lis-socjetà attrici u mhux lill-konvenuti, li ghandhom biss titolu ta' qbiela".

22. Ghalhekk, huwa car illi, b'rizultat ta' tranelli li waqghet fihom minhabba l-agir malizzjuz tal-atturi, il-Qorti tal-Appell biddlet il-bazi tat-talba attrici billi, minflok, iddikjarat illi l-art proprjetà tas-socjetà attrici kienet dik l-art li effettivament tappartjeni lir-rikorrent u hutu. Fi kliem iehor, il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi l-art prorpjetà tas-socjetà attrici kienet dik indikata f'dokumentazzjoni ohra, u mhux dik indikata fil-kuntratt tal-akkwist li fuqu l-azzjoni attrici kienet imsejsa.

23. Minbarra t-22 dokument gdid li Olive Gardens Investments Limited talbet biex tithalla tressaq fl-istadju tal-appell, il-kjamati fil-kawza Sammut u Mercieca ressqu set iehor ta' dokumenti godda mar-rikors tal-appell taghhom, u dan biex jippruvaw ibiddlu l-konfigurazzjoni tal-provi processwali u, minflok ma jsir ezami ta' revizjoni tal-provi u argumenti li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti, il-Qorti tal-Appell ikollha kwadru differenti. Mar-rikors tal-appell tal-kjamati fil-kawza Sammut u Mercieca gew annessi s-segwenti dokumenti:

- Diary 1
- Mik 1 u Mik 2
- Reg 1 u Reg 2 u Reg 3
- Site 1
- L-ittra tal-Perit Cacopardo datata 14 ta' Jannar 1989
- Site plan tal-Perit Paul Mercieca
- Dok. Ktieb 1
- Site plan allegatament tas-sena 1900
- Dokumenti relativi ghall-espropriju tas-sottosuol tal-art.

24. Dawn id-dokumenti ma gewx ammessi kollha bhala prova, izda uhud minnhom gew effettivament ammessi bhala provi godda.

25. Matul il-kawza kollha, il-kumpannija pproduciet zewg (2) xhieda dipartimentali "*viva voce*" u bosta dokumenti provduti mic-Centru Nazzjonali tal-Agrikoltura fl-Ghammieri. Jirrizulta minn ezami akkurat ta' dawn id-dokumenti illi hafna mit-taghrif ipprovdut kien falz, b'dokumenti ufficcjali jigu kkuppjati u alterati u mbaghad esibiti fil-kawza. Minn dawn hemm diversi:

    (a) Fit-12 ta' Lulju 2007 (fol. 493), Victor Vella, ufficcjal fl-ufficcju fejn jigu registrati l-bdiewa bil-biljetti tar-raba, ipprezenta pjanta Dok. "VV" u lista tal-bdiewa Dok. "VV1", li fih jinghad (tliet darbiet) illi ghal certu raba m'hemmx FRC (Farmers Registration Card ta' kull bidwi), izda dan l-impjegat tal-Ghammieri xorta indika l-ismijiet. Jekk m'hemmx FRC, dawn l-ismijiet minn fejn gabhom?

    (b) Ghalkemm fil-kotba tar-raba jkun hemm indikazzjoni tan-numru tal-pjanta (per ezempju, "MAP 1939") u indikazzjoni tan-numru tal-plot (per ezempju, "ZR 190"), il-plots li jappartjenu lill-familja tar-rikorrent fuq pjanti numru 139 u 140 gew imhassrin biex ma jibqghux jidhru, ghalkemm hemm "overwriting" kif ukoll tracci ta' xi kitba li kien hemm qabel. Barra minn hekk, ir-rikorrent jaf ben tajjeb illi hemm tliet (3) kopji tal-pjanta numru 139 izda huwa gie muri wahda (1) biss. Inoltre, fil-kaz tal-pjanta numru 140 li wkoll tikkoncerna lilhom, il-marki fuq pjanta numru 140 (it-tieni kopja). Il-pjanti bl-istess numru ghandhom ikunu kopja ezatta ta' xulxin. Jidher illi gewwa l-Ghammieri hemm pjanti mohbijin.

    (c) Skond l-ufficcjali tal-Ghammieri, l-ewwel registrazzjoni fir-rigward tal-art "Ta' Mazza" kienet fuq isem Karmnu Farrugia fil-5 ta' Mejju 1944, u din ghaddiet fuq Anthony Farrugia, u s-sid indikat mill-ufficcjali tal-Ghammieri kien Reverendu Amabile Fenech miz-Zejtun u possibilment Monsinjur Salv Manduca Cassia. Izda ma qalux illi r-Reverendu Fenech u l-Monsinjur Manduca Cassia huma mnizzlin

bhala "**LT**", jigifieri **Land Tenants**, u mhux "LL", jigifieri Landlords. Il-kejl ta' dan ir-raba baghli jidher li gie miktub fi zmien recenti, u cioè sebat itmiem, zewg sighan u hames kejliet (7T, 2S, 5K), u hemm indikat li kien hemm bajtar tax-xewk u xi dwieli u tin biss.

(d) Fejn suppost hemm imnizzel in-numru ta' sigar tal-harrub ("Carobs"), la hemm imnizzel numru u lanqas hemm imnizzel (-) jigifieri "*hyphen*" li tfisser Nil, kif ikun hemm imnizzel fid-dokumenti tal-Ghammieri. Inoltre hemm evidenza cara illi d-dokument gie alterat sostanzjalment u, flimkien mal-kitba ta' qabel, thassru wkoll ir-rigi stampati bil-linka. Certi tracci tal-kitba precedenti ghadhom jidhru sal-lum.

(e) Fit-18 ta' Novembru 2005 (fol. 167) Nathalie Spiteri, Agricultural Officer iehor fl-ufficcju fejn jigu registrati l-bdiewa bil-biljetti tar-raba, ipprezentat il-Farmers Registration Card (FRC) ta' Karmenu Farrugia u Anthony Farrugia (fol. 166). Dan l-FRC jindika biss erba' bicciet art, li huma 499, 496, 520 u 521. Izda l-parti bin-numru **498** mhijiex hemm. Izda, dak li kien mitlub f'kolonna partikolari taht il-kelmiet "Tat-Torri ZR" [Zurrieq] gie kollu mhassar u m'ghadux jidher aktar, ghalkemm hemm tracci ta' kitba precedenti. Peress li skond dawn l-ufficjali l-pjanti jinzammu 'l boghod minn idejn il-pubbliku, jidher illi Olive Gardens Investments Limited kellha xi hadd minn gewwa li qed ibabas il-pjanti u jhassar u jzid it-taghrif a vantagg taghha.

26. Meta xehdet certa Maria Camilleri u pprezentat id-Dokument MC1 sa MC4, dawn l-erba' dokumenti ma baqghux jinstabu fil-process. L-ghelieqi taghha, li ghandhom in-numri 447, 464, 491 u 492, mhumiex murija fuq l-FRC ghaliex dan id-dokument (l-FRC) gie alterat.

27. Il-kitba tan-numru "5" li hemm fuq l-FRC x'aktarx tikkombacja mal-kitba tan-numru "5" fuq wiehed mid-

dokumenti esibiti (ara fol. 165, fol. 473 u Dok. VV). Jitqajjem kaz "*prima facie*" dwar min seta' kien l-awtur ta' alterazzjoni falza tal-FRC.

28. Minn ezami tal-aerial photos li juru l-ghalqa "Ta' Dukkara" u l-ghalqa "Ta' Mazza", wiehed mill-ewwel jinduna liema hi l-wahda u liema hi l-ohra ghaliex l-ghalqa "Ta' Mazza" ma fiha l-ebda sigar tal-harrub.

29. F'kawza fl-ismijiet "Munqar Limited vs John Farrugia" (Rikors Guramentat Numru 1165/2014 LM fil-Prim Awla tal-Qorti Civili) a fol. 355 hemm "vera kopja" ta' applikazzjoni ghar-registrazzjoni ta' konvenju mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Fil-kopja pprezentata lill-awtoritajiet min-Nutar gew mizjuda "4 xhur" fil-klawsola 5 tal-konvenju li kien sar fis-16 ta' Marzu 2002 bejn l-ahwa Farrugia u Munqar Limited (kumpannija ohra tal-familja Baldacchino), filwaqt li fuq l-original jidhru "~~sitt~~ xhur", jigifieri bil-kelma "sitt" kancellata.

30. Fil-frattemp, fl-istess kawza, irrizultaw aktar provi foloz migjuba minn Munqar Limited, li hija socjetà tal-familja Baldacchino ta' Olive Gardens Investments Limited, konsistenti f'applikazzjoni falza li saret mill-MEPA fis-sena 2004, liema applikazzjoni allegatament saret f'isem "Malcolm Mifsud" bhala proprjetarju tal-art u ddahhlet mill-"Perit Elizabeth Ellul". L-applikazzjoni hija ffirmata "Malcolm Mifsud". Meta Malcolm Mifsud xehed fil-kawza fl-4 ta' Lulju 2016, huwa ddikjara li dik l-applikazzjoni ma kien jiftakar xejn fuqha u li ma kienx sid ta' proprjetà:

Dr. Ian Stafrace:
"… Inti x'taf tghidilna fuq din l-application?"

Xhud:
"Jien ma niftakar xejn minnha din l-application."

Dr. Ian Stafrace:
"il-firma li hemm fil-paragrafu ghoxrin hija tieghek?"

Xhud:
"Jien lanqas niftakar li ffirmajt xi haga hekk jigifieri zgur mhux ha nghid li xi haga hija tieghi meta mhux tieghi."

Dr. Ian Stafrace:
"Imma dik normalment il-firma tieghek?"

Xhud:
"No."

Dr. Ian Stafrace:
"… Int x'inhu xogholok?"

Xhud:
"Accountant."

Dr. Ian Stafrace:
"Ghamilt xi zmien, dak iz-zmien kont taghmel xi xoghol lil …

Xhud:
"Joe Baldacchino."

Dr. Ian Stafrace:
"Kont full time mieghu?"

Xhud:
"Le kont subcontracted lilu."

Dr. Ian Stafrace:
"Gielu saru applications f'ismek min-naha tas-Sur Baldacchino?"

Xhud:
"Ma niftakarx bihom jien."

Dr. Ian Stafrace:
"Però b'xi mod inti minghajr ma staqsejtek ikkonnettjat din l-application mas-Sur Baldacchino."

Xhud:
"Ghax dhalt niccekkja l-isem tal-kumpannija, l-isem ha niftakru, ghamilt tlett snin."

Dr. Ian Stafrace:
"U m'ghandekx xi dokumentazzjoni biex tista' tivverifika?"

Xhud:
"Il-paragrafu 19 hija simili ta' kif niffirma milli qed nara. Illum ghaddew xi tnax-il sena, jigifieri l-firma dejjem tinbidel xi naqra. Il-[paragrafu] 20, ma nahsibx li jien ha niffirma; hawnhekk hawn miktub car li "*applicant is sole owner of the site*". Kieku ghandi dik il-proprjetà ma nahsibx li nahdem illum; lanqas ghandi idea l-proprjetà x'inhi."

Dr. Ian Stafrace:
"U ma taghrafx okkazjoni fejn is-sur Baldacchino talbek biex tapplika f'ismek fuq site tieghu?"

Xhud:
"Jista' jkun."

Dr. Ian Stafrace:
"Gieli ghamiltha fuq sites ohra mhux fuq din?"

Xhud:
"Ma niftakarx, tant ghadda zmien."

Dr. Mark Simiana:
"Inti ghidt li jista' jkun, però li grat din li s-Sur Baldacchino talbek biex tapplika fuq ismek?"

Xhud:
"Jista' jkun."

31. Meta xehdet fl-istess kawza, Rikors Guramentat 1165/2014 LM, Janice Baldacchino, bint il-mejjet Joseph Baldacchino ta' Olive Gardens Investment Limited, fit-23 ta' Novembru 2016, hija stqarret illi fir-rigward ta' din l-applikazzjoni pprezentata fuq isem Malcolm Mifsud, "Olive Gardens

hallset il-permess" u illi l-applikazzjoni saret fuq struzzjonijiet taghhom. Inoltre, ghalkemm l-applikazzjoni turi li l-Perit inkarigat kienet Perit Elizabeth Ellul, ir-ragel taghha l-Perit Andrew Ellul xehed li kien hu l-perit responsabbli, u, x'aktarx bil-ghan li ma jinkriminax ruhu huwa wkoll, iddikjara "M'ghandix xi nghid fuqha, ma nafx."

32. Wara li nghataw iz-zewg sentenzi mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, ir-rikorrent beda jara jekk jistax jistitwixxi proceduri dwar nuqqas ta' smigh xieraq minhabba li l-provi foloz li bihom giet zvijata l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Meta l-avukat tal-kumpannija ntebah b'dan il-moviment tar-rikorrent fir-Registru tal-Qorti, Olive Gardens Investments Limited ipprezentat mandati ta' sekwestru kontra r-rikorrent kif ukoll kontra hutu bil-ghan li tfittex iggibhom gharkobbtejhom u jcedu l-art kollha, qabel ma jkunu jistghu jipprocedu b'kawza kostituzzjonali:

- Mandati ta' inibizzjoni numri 61/2015, 60/2015, 59/2015, 58/2015, 57/2015, 56/2015, 55/2015;
- Mandati ta' sekwestru kawtelatorji numri 54/2015, 53/2015, 1910/2014;
- Mandati ta' qbid ezekuttivi ta' hwejjeg mobbli numru 521/2017, 520/2017, 519/2017.
- Mandati ta' qbid ta' hwejjeg immobbli numri 63/2026, 66/2016 u 68/2016

33. Sarilhom hafna theddid illi se jmorru jbattulhom djarhom u jfaqqruhom kemm-il darba ma jghaddulhomx il-proprjetà minnufih.

34. Bil-ghan li r-rikorrent u hutu ma jinghatawx nifs u l-opportunità li jikkontestaw dak li gara, s-socjetà attrici pprezentat kawza bil-giljottina (Rikors Mahluf Numru 344/2017 LSO) kontra r-rikorrent u hutu l-intimati. L-ohra li biha talbet lill-Qorti "tikkundanna lill-konvenuti sabiex entro terminu qasir u perentorju minnha prefiss jizgombraw

mill-Proprjetà billi m'ghandhom ebda titolu validu sabiex jokkupawha." Il-kawza giet appuntata ghas-16 ta' Mejju 2017 u talbu li jithallew jikkontestaw il-kawza odjerna peress li l-process tal-kawza civili kien mizghud bi provi fabbrikati u peress li l-Onorabbli Qorti tal-Appell giet ingannata b'rizultat ta' raggiri da parti tas-socjetà attrici u ta' min kien qed jghinha. Il-Qorti laqghet in parti t-talba taghhom u r-rikorrent u hutu inghataw hamest ijiem, jigifieri sal-25 ta' Mejju 2017, biex jipprezenta Rikors Kostituzzjonali.

35. Izda tant hu u hutu u n-nisa taghhoma komplew jigu mhedda f'dawk il-hamest ijiem illi r-rikorrent kellu jipprezenta nota li fiha qal li ddecieda li ma kienx ser jipprezenta Rikors Kostituzzjonali.

36. Fil-fatt, meta hu u hutu raw li b'rizultat tal-mandati ghal somom kbar ta' flus huma kienu se jsibu ruhhom jittalbu, kif qalulhom, cedew kollox, u dan permezz ta' kuntratt pubbliku li gie ppubblikat fil-bini tal-Qorti min-Nutar Malcolm Mangion fit-23 ta' Mejju 2017 u li fih Olive Gardens Investments Limited insistiet li tnizzel kundizzjonijiet bl-istil tar-Re Enriku VIII tal-Ingilterra:

> "il-komparenti l-familja Farrugia qeghdin jirrinunzjaw, jirtiraw u jabdikaw minn kull dritt u pretensjoni li jressqu kwalsiasi proceduri, kemm quddiem il-qrati ta' gurisdizzjoni ordinarja u kemm quddiem dawk ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali, sabiex jimpunjaw is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru tas-sena 2014…"

37. Ir-rikorrent kien l-ahhar wiehed li ceda fost hutu, u dakinhar tal-kuntratt ir-rikorrent wissa lin-Nutar Malcolm Mangion illi l-avukat ta' Olive Gardens Investments Limited kien iffabrika l-provi u li l-pjanta li ghaddielu biex jiffirma kienet wahda mill-provi foloz li gew ipprezentati minnu. L-avukat ma lissen l-ebda kelma. Kienu prezenti madwar sittax-il persuna u dawn semghu dan id-diskors. Ir-rikorrent irrifjuta li jiffirma d-dokument anness mal-

kuntratt ghax kien iffalsifikat, izda wara xi hin iehor ta' theddid illi sejrin jghaddu minn fuqhom u jkissruhom ir-rikorrent iffirma anke fuq Dok. Appell 17.

38. Ghalkemm ir-rikorrent kien kostrett jiffirma l-kuntratt tat-23 ta' Mejju 2017 pubblikat min-Nutar Malcolm Mangion, fejn inghatat l-art lill-kumpannija, xejn ma jzomm lir-rikorrent milli jgib il-provi biex juri li l-process tal-kawza civili kien mizghud bi provi foloz. *Qui suo jure utitur, nom videtur damnum facere*. Sentenza miksuba u msejsa fuq provi foloz u fabbrikati ma tistax treggi ghax ma tkunx ir-rizultat ta' smigh xieraq.

39. Jekk iz-zewg sentenzi ottenuti minghand l-Onorabbli Qorti tal-Appell mis-socjetà attrici bi provi fabbrikati jithallew fis-sehh, il-Qorti tkun qeghda taghlaq ghajnejha ghal qaghda li gabet maghha konsegwenzi tabilhaqq serji, u cioè t-tehid permezz ta' sentenza tal-Qorti ta' titolu ta' proprjetà privata tar-rikorrent fuq l-art indiviza "Ta' Mazza". Jekk wiehed jaghmel ta' bir-ruhu li dawk il-konsegwenzi serji ma humiex hemm, ikun qed jaghmel dannu kbira lill-kuncett ta' "*res judicata pro veritate habetur*" u jtellef mill-fiducja li c-cittadin ghandu jkollu fil-Qrati.

40. Barra minn hekk, wiehed ikun qieghed itenni qaghda li minnha nnifisha kkawzat hsara kbira u sahansitra ingustizzja serja lir-rikorrent, kif ukoll lil hutu. Dik il-qaghda nhalqet meta nghatat is-sentenza tal-31 ta' Ottubru 2014, u s-sentenza tat-28 ta' Gunju 2016 ma wasslitx biex il-qaghda tissewwa u ssir gustizzja. Izda, issa, ladarba qeghdin jingiebu ghall-attenzjoni u ghall-gharfien ta' dina l-Qorti, hija ma tistax ma tiehux konjizzjoni tal-fatt li l-provi li wasslu ghall-gudikat kienu provi foloz. Il-fatt li n-Nutar Mario Bugeja wasal biex – x'aktarx b'rizultat ta' Qrar – permezz ta' dikjarazzjoni mahlufa quddiem in-Nutar Joe Cilia u wkoll permezz tax-xhieda tieghu "viva voce" – ipprova jregga' lura l-effetti tal-ghemil qarrieqi tieghu, u jasal biex jistqarr "*Ma kontx nippubblika l-kuntratt li kieku kont naf bl-affarijiet indikati aktar 'il fuq*", jikkostitwixxi "*recantation evidence*". Dan ifisser li safejn ir-rikorrent tilef

it-titolu ta' proprjetà li jappartjeni lilu b'rizultat taz-zewg sentenzi, fuq is-sahha tax-xhieda u ta' provi fabbrikati migjuba f'dawk il-proceduri civili, ifisser ukoll li dawk is-sentenzi inbnew u qeghdin jistriehu fuq il-premessa li kienu jezistu provi – fosthom is-sehem tan-Nutar Mario Bugeja – li fil-fatt kienu foloz. Ghalhekk, iz-zewg sentenzi huma milquta min-nuqqas serju u gravi li jwassal ghall-invalidità. Konsegwentement iz-zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell ghandhom jigu dikjarati nulli u bla effett.

L-Onorabbli Qorti tal-Appell irrimarkat f'pagna 52 tas-sentenza tal-31 ta' Ottubru 2014:

> "Hija [l-ewwel Qorti] imbaghad osservat li ma hemm l-ebda "ricetto" fl-ghalqa okkupata mill-konvenuti (l-ghalqa in kwistjoni). Ma accettatx it-tezi tas-socjetà attrici li r-"*ricetto*" indikat fil-kuntratti antiki huwa dak li gie indikat minn Dr. Pierre Lofaro fejn huwa deskritt bhala punt 4 "*bicciet ta' bini fi stat depilat*" u kkummentat li f'tali bini ma hemm l-ebda apertura u anqas hwat jew kmamar ghall-hazna tal-annimali u tal-provvisti u wisq anqas xi bitha, u konsegwentement laqghet it-tezi tal-konvenuti li r-"*ricetto*" kif deskritt fil-kuntratt tal-1868 mhux dak indikat mis-socjetà attrici waqt l-access, izda l-bini indikat mill-konvenuti li jinsab fl-ghalqa adjacenti, kif konstatat waqt l-access."

Dan kellu jiftah ghajnejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell u jservi bhala avvertiment illi Olive Gardens Investments limited kienet qeghda tghawweg il-fatti u allura toqghod ferm attenta biex tivverifika kull "prova" u kull argument imressaq quddiemha. Minflok, jidher li ddispensat mill-htiega ta' access u ghaddiet biex taqleb is-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi r-rikorrent ma kellux smigh xieraq fil-proceduri civili li wasslu ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-31 ta' Ottubru 2014 u s-sentenza tat-28 ta' Gunju 2016, fil-kawza Rikors Guramentat Numru 418/2005

fl-ismijiet "*Olive Gardens Investments Limited (C-16715) vs Salvu, Annetto, John, Francis, Joseph, Carmen u Carmelo ahwa Farrugia b'digriet tat-22 ta' Jannar 2007 gew kjamati in kawza Jane Mercieca u Mary Ann Sammut*", u billi l-imsemmija proceduri u sentenzi fi grad ta' appell kisru l-garanzija mahsuba fl-**Artikolu 6(1)** tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, tiddikjara l-proceduri fi grad ta' appell u z-zewg sentenzi invalidi, nulli u bla effett u konsegwentement thassarhom.

2. Tiddikjara illi b'rizultat tal-imsemmija sentenzi, r-rikorrent garrab ksur tad-dritt tieghu ghat-tgawdija pacifika tal-proprjetà privata kif imhares bl-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll** tal-Konvenzjoni Ewropea in kwantu ttehditlu illegalment il-porzjoni indiviza tieghu mill-proprjetà "Ta' Mazza", limiti taz-Zurrieq.

3. Tiddikjara illi r-rikorrent sofra wkoll lezjoni tal-Konvenzjoni Ewropea in kwantu huwa safà minghajr rimedju domestiku effettiv minkejja li ghamel talba ghal ritrattazzjoni tal-kawza fi grad ta' appell.

4. Tordna l-hlas ta' kumpens xieraq lir-rikorrent biex jaghmel tajjeb ghad-danni pekunarji u materjali, danni non-pekunarji u danni morali u l-ispejjez sofferti mir-rikorrent.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Il-lanjanza tar-rikorrenti hija msejsa fuq l-allegazzjoni li fil-proceduri civili ordinarji fl-ismijiet "Olive Gardens Investments Limited vs Salvu Farrugia et" (rikors mahluf numru 418/2005) ma kienx imhares id-dritt ta' smigh xieraq spettanti lill-intimati f'dik il-kawza bi ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll u tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni. Bhala rimedju r-rikorrenti qieghed jitlob li l-

proceduri fi grad ta' appell u s-sentenzi moghtija jigu dikjarati bhala nulli kif ukoll qieghed jitlob li jinghata rimedju pekunarju.

L-esponenti jissottometti li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet li ser jigu elenkati aktar 'l isfel f'dina r-risposta izda qabel jaghmel dan sejjer jaghti harsa lejn il-fatti li jiccirkondaw dan il-kaz:

Din il-kawza qeghda tigi istitwita in segwitu ghal proceduri civili li gew istitwiti kontra diversi persuni inkluz ir-rikorrent Annetto Farrugia u hutu fl-ismijiet "*Olive Gardens Investments Limited (C-16715) vs Salvu, Annetto, John, Francis, Joseph, Carmen u Carmelo ahwa Farrugia u b'digriet tat-22 ta' Jannar 2007 gew kjamati in kawza Jane Mercieca u Mary Ann Sammut u b'digriet tat-8 ta' Marzu 2016 Catherine Farrugia giet awtorizzata tassumi l-atti tal-kawza bhala kuratur de jure tal-wirt battal tal-mejjet zewgha John Farrugia*, sabiex jigi dikjarat mill-Qorti illi porzjon ta' art partikolari tappartjeni lill-imsemmija socjetà Olive Gardens Investments Limited u mhux lill-konvenuti;

Fil-proceduri civili is-socjetà Olive Gardens Invesmtents Limited kienet talbet lill-Qorti sabiex:

a. Jigi dikjarat u deciz illi l-porzjon diviza ta' art illi s-socjetà attrici xtrat permezz tal-kuntratt fuq imsemmi tat-22 ta' Novembru 2003 (Dok. "X") ippubblikat min-nutar Mario Bugeja tappartjeni lis-socjetà attrici u mhux lill-konvenuti, li ghandhom biss titolu ta' qbiela fuqha;

b. Jigi dikjarat u deciz illi bl-agir abbuziv, illegali u frawdolenti taghhom li jsostnu illi l-art de quo hija taghhom il-konvenuti qeghdin jaghmlu ostakoli bla bazi fil-process tas-socjetà attrici illi tizviluppa l-istess art u per konsegwenza l-istess socjetà attrici sofriet u qeghda ssofri danni li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti;

c. Jigu likwidati dawn id-danni, okkorendo bl-opera ta' perit nominand;

d. Jigu l-konvenuti solidalment ikkundannati jhallsu lis-socjetà attrici s-somma hekk likwidata in linea ta' danni.

B'decizjoni tat-30 ta' Gunju 2010 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza b'dan il-mod:

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni, t-tielet u r-raba' talba attrici stante c-cessjoni taghhom permezz ta' nota datata 18 ta' Novembru 2005, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kjamati fil-kawza datati 22 ta' Frar 2007, u filwaqt li tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad l-ewwel talba attrici ghaliex hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi."

Is-socjetà Olive Gardens Investments Limited appellat minn din id-decizjoni u b'sentenza datata 31 ta' Ottubru 2014 il-Qorti tal-Appell ddecidiet l-appell billi:

a. Irrevokat u hassret is-sentenza appellata;

b. Cahdet l-ewwel, it-tieni, t-tielet u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenuti;

c. Astjeniet milli tikkunsidra r-raba' eccezzjoni tal-konvenuti in vista tal-fatt li din tirrigwarda t-tieni, t-tielet u r-raba talbiet tas-socjetà attrici li gew ceduti fit-18 ta' Novembru 2005;

d. Laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-kjamati fil-kawza (fir-rigward tal-art li qed tigi dikjarata minn din il-Qorti li hija effettivament l-art mertu tal-kuntratt tal-2003 u tilqa' wkoll it-tieni ecezzjoni taghhom;

e. Laqghet l-ewwel talba tas-socjetà attrici limitatament fis-sens li minflok ma tiddikjara li l-porzjon diviza ta' art li xtrat is-socjetà attrici permezz tal-kuntratt tat-22 ta' Novembru 2003 ippubblikat min-Nutar Mario Bugeja (Dok. X) hija dik indikata bl-ahdar fuq is-site plan (Dok. B) u l-pjanta (Dok. A) annessi mal-istess kuntratt, tiddikjara invece li huwa l-

porzjon diviz ta' art kif indikata bl-ahmar fuq is-site plan a fol. 165 (li huwa wkoll il-porzjon indikat "RED" fuq il-pjanta Dok. Appell 17 a fol. 149 hlief dik il-parti *shaded* bil-blu) li tappartjeni lis-socjetà attrici permezz ta' dan il-kuntratt, u li l-konvenuti ghandhom biss titolu ta' qbiela fuqha."

Sussegwenti ghal din id-decizjoni ir-rikorrent u hutu ipproponew proceduri ta' ritrattazzjoni mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Ottubru 2014 fuq il-bazi li s-sentenza hija ultra petita u extra petita u fiha applikazzjoni hazina ta' ligi, liema talbiet gew michuda permezz ta' sentenza tat-28 ta' Gunju 2016.

Sussegwenti ghal din id-decizjoni, r-rikorrent intavola l-proceduri odjerni fejn permezz taghhom qed jallega illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell kienet bbazata fuq xhiediet foloz, taghrif falz, dokumenti alterati u qarrieqa, pjanti alterati, raggiri u diversi forom ta' ghemil frawdolenti u ghaldaqstant qieghed jallega ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu ai termini tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem senjatament:

a) id-dritt ghall-smiegh xieraq ai termini tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

b) id-dritt tieghu ghat-tgawdija pacifika tal-proprjetà privata kif imhares b-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem in kwantu li ttehditlu illegalment il-porzjoni indiviza tieghu mill-proprjetà "Ta' Mazza", limiti taz-Zurrieq.

c) id-dritt tieghu ghall-rimedju effettiv in kwantu huwa safà minghajr rimedju domestiku effettiv minkejja li ghamel talba ghal ritrattazzjoni tal-kawza fi grad ta' appell.

**<u>Eccezzjonijiet Preliminari</u>**

In linea preliminari in vista tal-fatt illi l-qofol ta' din il-kawza titratta dwar fatti u allegazzjonijiet illi fihom kienu involuti terzi senjatament is-socjetà Olive Gardens Investments Limited (C-

16715) u peress illi l-ezitu ta' dawn il-proceduri jista' jkollhom effett fuq l-imsemmija socjetà, l-esponent ihoss illi din is-socjetà ghandha tkun parti minn dawn il-proceduri u ghaldaqstant jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkjama fil-kawza lis-socjetà Olive Gardens Investments Limited (C-16715).

In linea preliminari wkoll, l-esponent jecepixxi wkoll in-nuqqas ta' interess guridiku da parti tar-rikorrenti li jintavola l-proceduri odjerni illi mill-kuntratt pubbliku li gie ppubblikat fil-bini tal-Qorti min-Nutar Malcolm Mangion fit-23 ta' Mejju 2017 bejn Olive Gardens Investments Limited u r-rikorrent fost l-ohrajn u li jaghmel referenza ghalih ir-rikorrent fir-rikors promotur, jidher illi r-rikorrent irrinunzja ghad-dritt tieghu illi jistitwixxi l-kawza odjerna u ghaldaqstant ir-rikorrent m'ghandux *locus standi* f'dawn il-proceduri;

Minghajr pregudizzju ghall-premess l-esponent jecepixxi in-nuqqas ta' ezawriment ta' rimedju ordinarju u dan peress illi ghalkemm f'dawn il-proceduri r-rikorrent qieghed jallega illi s-sentenza giet akkwistata permezz ta' qerq konsistenti f'xhieda falza u dokumentazzjoni falsifikata fost l-ohrajn, l-istess rikorrent meta ntavola t-talba ghar-ritrattazzjoni, naqas milli jibbaza ir-rikors ghal ritrattazzjoni tieghu fuq dina l-bazi. Dan qed jinghad fid-dawl tal-fatt illi r-rikorrent ibbaza r-rikors tieghu ghal ritrattazzjoni fuq is-sub-incizi (e), (f) u (g) tal-artikoli 811 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta minflok ma bbaza ruhu fuq is-sub-inciz (a) li jipprovdi ezatt ghal sitwazzjoni bhal dik li qed jallega r-rikorrent. Fil-fatt l-artikolu 811(a) jipprovdi hekk:

*"Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Civili, Prim Awla, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, tista' fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(a) Jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara tal-ohra;"*

Ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha ghandha tiddeklina milli tezercita l-

gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha ai termini tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta stante d-disponibilità ta' mezzi ohra xierqa ta' rimedju ordinarju li r-rikorrent kellu sabiex jivvanta l-pretensjonijiet tieghu. Ir-rikorrent kellu mezzi xierqa, adegwati u disponibbli quddiem il-Qrati ordinarji sabiex jivvanta l-pretensjonijiet li huwa qed iqajjem quddiem din il-Qorti kif preseduta u ghalhekk ma hemm l-ebda lok biex din l-Onorabbli Qorti sservi ta' Qorti tat-tielet Istanza biex dak li r-rikorrent ma ppruvax jew ma rnexxilux jottjeni quddiem il-Qrati ordinarji jippriva jakkwistah minn din l-Onorabbli Qorti fil-vesti straordinarja taghha.

**<u>Eccezzjonijiet fil-mertu</u>**

Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet u fil-mertu, l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti minn din l-Onorabbli Qorti u dan ghar-ragunijiet segwenti.

**<u>Ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem</u>**

F'dan ir-rigward ir-rikorrenti jallega illi d-dritt tieghu ghall-smiegh xieraq gie lez u dan peress illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell giet ottjenuta permezz ta' xhieda foloz, taghrif falz, dokumenti alterati u qarrieqa, pjanti alterati, raggiri u diversi forom ta' ghemil frawdolenti.

F'dan ir-rigward l-esponent jirrileva illi l-iskop tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem huwa intiz li jassigura li matul il-process gudizzjarju il-persuna in kwistjoni tkun inghatat smiegh xieraq u kellha l-opportunità xierqa illi jippartecipa b'mod effettiv fil-proceduri. L-artikolu 6 huwa artikolu li jitratta l-procedura fl-intier taghha li tkun giet uzata sabiex il-Qorti tasal ghas-sentenza taghha. Fil-kaz odjern ma jirrizultax illi kien hemm xi nuqqasijiet li wasslu jigi lez id-dritt tar-rikorrent ghal smiegh xieraq.

Dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent mhuwiex li ma nghatax l-istess opportunità li jipprezenta l-kaz tieghu daqs il-kontro-parti

jew li l-Qorti cahhditu minn xi dritt iehor spettanti lilu. Dak li qed jilmenta minnu r-rikorrenti huwa li certu provi mressqa minn naha l-ohra kienu provi falsifikati, liema provi wasslu lill-Qorti tiddeciedi bil-mod li ghamlet. F'dan ir-rigward l-esponent jirrileva illi r-rikorrent kellu l-opportunità li jikkontesta l-evidenza li giet prezentata b'diversi modi fosthom billi jikkontrolla x-xhieda permezz ta' kontro-ezamijiet, jressaq evidenza hu sabiex jipprova li l-evidenza mressqa minn naha l-ohra hija effettivament falza kif ukoll jidderigi l-Qorti ghall-provi illi jippruvaw it-tezi tieghu. Inoltre l-ligi tipprovdi wkoll ghall-rimedji ohra konsistenti fi proceduri kriminali kontra persuni li jkunu xehdu falz jew ffalsifikaw dokumentazzjoni, rimedji illi kienu ghad-disposizzjoni tar-rikorrent u li ghal ragunijiet li jaf hu biss m'ghamilx uzu minnhom. Dawn huma kollha garanziji li l-ligi tipprovdi sabiex ikun imhares il-principju ta' smiegh xieraq ta' persuna li tkun ghaddejja minn process gudizzjarju. Ma jistax allura r-rikorrenti jilmenta illi gie lez id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq.

L-esponent jirrileva wkoll illi din l-Onorabbli Qorti fis-sede Kostituzzjonali taghha ma tistax isservi bhala Qorti tat-tielet grad. Jekk ir-rikorrent mhux qieghed jaqbel mar-ragunament jew mad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell, ma jistax jittanta jipprova juza dawn il-proceduri biex iddawwar id-decizjoni li llum il-gurnata tikkostitwixxi *res judicata* u dan peress illi l-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha ma tistax isservi bhal li kieku kienet qorti tat-tielet grad ta' appell. F'dan ir-rigward l-esponent jaghmel referenza ghas-sentenza **Raymond Zammit vs l-Avukat Generali**[1] deciza fis-27 ta' Marzu 2013 fejn din l-Onorabbli Qorti ddecidiet hekk:

*" … il-Qorti tghid illi persuna huwa prekluz milli jirrikorri ghal din il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha bhal li kieku kienet qorti tat-tielet grad ta' appell. Fis-sentenza taghha tat-28 ta' Dicembru 2001 fil-kawza "Fatiha Khallouf vs Kummissarju tal-Pulizija et" din il-Qorti (PAK/VDG) qalet hekk –*

[1] Rikors Numru 57/2013

*"… F'dana l-paragrafu – riprodott aktar 'l fuq f'dina s-sentenza – ir-rikorrenti bazikament qed tallega li l-aggravju sollevat minnha quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali dwar l-inammissibilità tal-provi dokumentarji gie skartat minn dik il-Qorti. L-intimati jikkontendu, kemm fir-risposta taghhom (ara l-paragrafu 2 tar-risposta, aktar 'l fuq f'din is-sentenza) kif ukoll fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, li din il-Qorti – cioè il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali – m'ghandhiex il-funzjoni ta' "a court of third instance", fis-sens li terga tirrevedi l-meritu tal-kawza già deciza finalment mill-Qorti tal-Appell Kriminali.*

*L-intimati ghandhom ragun meta jikkontendu li din il-Qorti m'ghandhiex il-funzjoni ta' qorti ta' appell f'xi grad oghla mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Ma hix il-funzjoni ta' din il-Qorti li tiddeciedi fuq jew tirrevedi il-provi mressqa quddiem il-Qorti Rimandanti u ezaminati minn dik il-qorti u finalment mill-Qorti tal-Appell Kriminali; anqas ma hu l-kompitu ta' din il-Qorti li tirrevedi d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali dwar l-interpretazzjoni tal-ligi applikabbli ghall-proceduri li dik il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha quddiemha, jew dwar l-interpretazzjoni ta' xi punt ta' dritt ta' natura strettament penali (bhalma hi, per ezempju, il-kwistjoni tal-ammissibilità o meno ta' certi provi). Il-funzjoni ta' din il-Qorti hi limitata biex tara jekk gewx lezi o menu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea (kif ukoll, kieku kien il-kaz, jekk hemmx lezjoni tas-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 10 tal-Kap. 276 – ara l-Artikolu 16 tal-imsemmi Kap. 276)."*

Bl-istess analogija, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-funzjoni ta' qorti ta' appell fi grad oghla mill-Qorti ta' Appell li tisma' appell ta' natura civili u ghaldaqstant ir-rikorrent lanqas ma jista' jirrikorri ghal din l-Onorabbli Qorti bhal li kieku kienet qorti tat-tielet grad ta' appell u jitlob lill-Qorti sabiex taghmel analizi gdida tal-provi li gew sottomessi fil-kawza civili.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz ir-rikorrent irid igib prova ta' dak kollu illi qed jallega. Huwa principju assodat kemm fil-ligi kif ukoll fil-gurisprudenza illi kull

persuna li taghmel allegazzjoni ghandha l-*onus* illi tipprova dak li jkun qieghed jigi allegat minnha. F'dan ir-rigward l-esponent jaghmel referenza ghall-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula hekk:

*"Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah."*

L-esponent jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza **Anthony Galea vs Gaetano Frendo**[2] deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Lulju 2007 u kkonfermata fl-Appell fejn il-Qorti kkonkludiet hekk:

*""Kull kaz ghandu jkun ezaminat fuq il-mertu u l-fattispecie partikolari tieghu. Dan jghodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni ghall-kaz tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza. Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghi trid issib i-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalità tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet.*

*"Bhala punt ta' dritt, il-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa' assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Il-Qorti trid tara jekk l-attur issodisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-legittimità tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement ippruvati (non esse et non probari paria sunt).*

*"Dan kollu jissarraf fil-principju li jirregola l-piz tal-prova u cioè li x-xjenza tal-fatt allegat ghandu jigi pruvat mill-persuna li qed tallega dik ix-xjenza. Del resto hekk ukoll jghid l-Art. 562 tal-Kap. 12. Fil-kaz li din il-prova ma tkunx adegwata jew fil-kaz ta' dubbju l-allegata xjenza ghandha tigi rigettata ("Theuma vs Mercieca" – Qorti tal-Appell – 20 ta' Frar 1996; "Fenech Clarke et vs Borg et" – Qorti tal-Appell – 30 ta' Mejju 1997 u "Mizzi noe vs Borg et" – Prim Awla tal-Qorti Civili – 29 ta' Settembru 2009)."*

[2] Applikazzjoni Numru 733/2007.

Il-kompitu ta' dina l-Onorabbli Qorti huwa li tanalizza l-kompatibilità tal-proceduri li minnhom qed jilmenta r-rikorrent mal-Konvenzjoni Ewropeja. Id-dritt ghal smiegh xieraq ma jiggarantixix il-korrettezza tas-sentenzi fil-mertu izda jiggarantixxi biss il-harsien ta' certi principji procedurali (indipendenza u imparzjalità tal-Qorti u tal-gudikant, *audi alteram partem* u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li jikkonducu ghall-amministrazzjoni tajba ghall-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha mhijiex wahda ta' revizjoni tas-sentenzi ta' Qrati ohra biex tara jekk gewx decizi b'mod tajjeb jew le izda l-gurisdizzjoni kostituzzjonali hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux jew le d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni jew tal-Kostituzzjoni. Anke fuq dan il-fattur wahdu, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tasal ghall-konkluzjoni li tichad il-lanjanza tar-rikorrenti kif mibnija fuq l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**<u>Ebda ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem</u>**

F'dan ir-rigward ir-rikorrent jallega illi gie lez d-dritt fundamentali tieghu ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu u peress illi allegatament ittehditlu illegalment il-porzjoni indiviza tieghu mill-proprjetà "Ta' Mazza", limiti taz-Zurrieq.

F'dan ir-rigward l-esponent jirrileva illi ebda prorpjetà tar-rikorrent ma ttiehdet b'mod illegali, tant li s-socjetà Olive Gardens Investments Limited – li allegat li l-proprjetà li kien qed jiddetjeni r-rikorrent kienet taghha – accediet ghall-Qorti tramite l-procedura appozita sabiex tottjeni dak li kien taghha.

L-art li r-rikorrent jallega li hi tieghu ittiehdet mill-pussess wara zewg sentenzi li gew decizi b'mod definittiv mill-Qorti tal-Appell wara li ezaminaw fid-dettal dak kollu li tressaq u li bl-ebda mod ma ttiehdet b'xi mod arbitrarju jew illegali.

Jinghad ukoll illi peress illi r-rikorrent naqas milli jizgombra l-art, is-socjetà Olive Gardens Investments Limited procediet bi procedura ta' giljottina quddiem il-Prim Awla sabiex tikseb ordni ta' zgumbrament, liema proceduri ma gewx ikkontestati mir-

rikorrent u ghal kuntrarju gew ammessi mir-rikorrent. Jinghad hawnhekk illi l-Qorti sahanistra tat lir-rikorrent l-opportunità li jistitwixxi proceduri kostituzzjonali, liema opportunità f'dak l-istadju ir-rikorrent ghazel li ma jaghmilx uzu minnha. Certament allura ma jistax jigi issa r-rikorrent jilmenta illi l-proprjetà tieghu ittehditlu b'mod illegali jew abbuziv.

Ghaldaqstant ma jezisti ebda ksur tad-dritt tar-rikorrenti protetti bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**<u>Ebda ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem</u>**

F'dan ir-rigward ir-rikorrent jallega li hu safa minghajr rimedju domestiku effettiv.

L-esponent jirrileva illi dan mhuwiex minnu u dan peress illi r-rikorrent kellu ghad-disposizzjoni tieghu diversi rimedji li jindirizzaw l-ilmenti tieghu liema rimedji r-rikorrent ghazel li ma jaghmilx uzu minnhom. F'dan ir-rigward l-esponent jirrileva fl-ewwel lok illi s-sub-inciz (a) tal-Aritkolu 811 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jindirizza ezattament ic-cirkostanzi li r-rikorrent qed jallega li sab ruhu fihom. Però ghal ragunijiet li jaf hu biss, iddecieda li ma jibbazax ir-rikors ghall-ritrattazzjoni tieghu fuq dan is-sub-inciz.

Inoltre fir-rigward tal-allegazzjoni ta' falsifikar ta' dokumenti u xhieda falza, ir-rikorrent seta' jistitwixxi proceduri kriminali, liema proceduri ghal darb'ohra naqas milli jistitwixxi.

Fir-rigward tal-allegazzjoni illi l-kunsens tieghu moghti fuq il-kuntratt li gie ppubblikat fil-bini tal-Qorti min-Nutar Malcolm Mangion fit-23 ta' Mejju 2017 kien wiehed vizzjat ghaliex ittiehed bit-theddid, l-esponent jirrileva illi r-rikorrent kellu wkoll rimedju ghad-disposizzjoni tieghu li seta' jwasslu sabiex jannulla l-kuntratt, liema rimedju ghal darb'ohra naqas milli jaghmel uzu minnu.

Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva illi r-rimedji anke jekk biss il-possibilità li

tistitwixxi kawza kostituzzjonali jikkostitwixxu rimedju prattiku u effettiv. Ghaldaqstant certament illi f'dawn ic-cirkostanzi ma hemm ebda lezjoni tad-dritt tar-rikorrent ghall-rimedju effettiv kif protett mill-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

Isegwi ghalhekk u fid-dawl tas-suespost, ma jirrizulta ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u ghalhekk l-allegazzjonijiet u t-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Marzu 2018 li bih il-Qorti ordnat il-kjamat in kawża tas-soċjetà Olive Gardens Investments Limited.

Rat ir-risposta tas-soċjetà Olive Gardens Investments Limited, permezz ta' liema ġie eċċepit illi:

Fl-ewwel lok, u preliminarjament, il-gudizzju mhuwiex integru billi ma gewx ukoll imharrkin il-persuni kollha li kienu parti fil-kawza fl-ismijiet "Olive Gardens Investments Limited vs Salvu Farrugia et" (Citazzjoni Numru 418/2005) deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014.

Fit-tieni lok, u bla hsara ghall-premess, l-azzjoni tar-rikorrenti hija inammissibbli u rritwali in kwantu l-oggett taghha jifforma l-oggett ta' kuntratt ta' transazzjoni ricevut min-Nutar Pubbliku Malcolm Mangion fit-23 ta' Mejju 2017, u dan anke a tenur tal-artikolu 1729 tal-Kodici Civili.

Fit-tielet lok, u bla hsara ghall-premess, l-azzjoni tar-rikorrenti hija wkoll inattendibbli u inammissibbli billi r-rikorrent espressament irrinunzja ghal din l-istess azzjoni permezz tal-kuntratt ta' transazzjoni ricevut min-Nutar Pubbliku Malcolm Mangion fit-23 ta' Mejju 2017.

Fir-raba' lok, u bla hsara ghall-premess, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat u l-gurisdizzjoni

kostituzzjonali u konvenzjonali taghha, in kwantu r-rikorrenti naqas milli jinqeda b'rimedji ordinarji li kellu ghad-disposizzjoni tieghu, u kwindi l-azzjoni odjerna tikkostitwixxi biss azzjoni frivola, vessatorja u malizzjuza, kif ukoll abbuz tas-sistema gudizzjarja. Kemm hu hekk ir-rikorrenti espressament jiddikjara fir-rikors promotur tieghu "*Illi jinghad minghajr esitazzjoni illi s-sentenza fi grad ta' appell kif ukoll is-sentenza fir-ritrattazzjoni inkisbu minn Olive Gardens Investments Limited b'qerq*" – liema pretensjoni r-rikorrenti kellu jekk xejn jiddeduci permess tal-azzjoni mahsuba fl-artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u l-Procedura Civili, u mhux bl-azzjoni odjerna.

Fil-hames lok, u dejjem bla hsara ghall-premess, l-azzjoni tar-rikorrenti hija manifestament infondata fil-fatt u fid-dritt, u ma tikkostitwixxi xejn ghajr mir-raba' tentattiv t'appell da parti tal-istess rikorrent, u abbuz grossolan u manifest tal-process gudizzjarju.

Fis-sitt lok, u bla ebda hsara ghall-premess kollu, r-rikorrent ma soffra ebda ksur fid-drittijiet fondamentali tieghu, u ghalhekk it-talbiet kollha tieghu ghandhom jigu respinti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni, u b'riserva tad-dritt tas-socjetà esponenti ghal kull azzjoni ghar-rizarciment tad-danni subiti minnha, kontra kull individwu responsabbli ghall-azzjoni temerarja, abbuziva u rresponsabbli tar-rikorrenti.

Rat illi fl-udjenza tal-24 t'April 2018 il-Qorti ordnat illi jitressqu provi limitatament dwar l-eċċezzjoni preliminari relattiva għan-nuqqas t'eżawriment tar-rimedji ordinarji.

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Lulju 2018 li bih ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għar-rikuża.

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Jannar 2019 ai termini ta' liema ordnat is-soprasessjoni tal-kawża pendenti l-eżitu tal-kawża kostituzzjonali bin-numru 115/18.

Rat ukoll id-digriet tagħha tad-29 ta' Jannar 2020 li bih ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għar-rikuża.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet kollha.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza limitatament dwar l-eċċeżżjoni tan-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz tal-kawża odjerna r-rikorrenti qiegħed jallega li fil-kawża ċivili fl-ismijiet Olive Gardens Investments Limited vs Salvu Farrugia et (Ċitaz. Nru. 418/05) ma ġiex imħares id-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq kif dan il-jedd jinsab imħares ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, id-dritt tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà liema jedd huwa mħares taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni kif ukoll ksur tad-dritt tar-rikorrenti għal rimedju ordinarju ai termini tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni. Talab għalhekk illi l-proċess fi stadju tal-appell u s-sentenzi relattivi jiġu dikjarati nulli kif ukoll illi jingħata kumpens pekunjarju għad-danni allegatament imġarrba.

L-intimat u l-kjamat in kawża ressqu diversi eċċezzjonijiet sia ta' natura preliminari kif ukoll oħrajn fil-mertu. Din is-sentenza però hija limitata għal deċiżjoni dwar it-tielet eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat u r-raba' eċċezzjoni tal-kjamata in kawża permezz ta' liema l-imsemmija partijiet stiednu rispettivament lill-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha in vista tal-fatt li r-rikorrenti naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinajri għalih disponibbli qabel ipproċeda b'din il-kawża.

Għall-aħjar intendiment il-Qorti tqis bħala opportun illi qabel tinoltra fis-siwi tal-eċċezzjoni tagħti rendikont tal-kronolġija tal-

fatti kif seħħew preċedentement għall-intavolar ta' dawn il-proċeduri.

Mill-inkartament voluminuż ta' din il-kawża jirriżultaw is-segwenti fatti:

i. B'ċitazzjoni tat-3 ta' Mejju 2005 Olive Gardens Investments Limited ipproċediet bil-kawża fl-ismijiet Olive Gardens Investments Limited vs Salvu Farrugia et, Ċitaz. Nru. 418/05 RCP) ai termini ta' liema talbu prinċipalment illi jiġi dikjarat u deċiż illi l-porzjon ta' art diviża li ġiet akkwistata minnha permezz ta' kuntatt tat-22 ta' Novembru 2003 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja tappartjeni lilha u mhux lill-konvenuti li għandhom biss titolu ta' qbiela fuq dik l-art. Konsegwentement talbu l-iżgumbrament tal-istess intimati mill-proprjetà u l-likwidazzjoni tad-danni.

ii. B'sentenza tat-30 ta' Ġunju 2010 il-Qorti ċaħdet l-ewwel talba tas-soċjetà rikorrenti għaliex ritenuta infondata.

iii. Id-deċiżjoni tat-30 ta' Ġunju 2010 ġiet appellata.

iv. B'deċiżjoni tal-31 t'Ottubru 2014 il-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell u waqt li ħassret u rrevokat is-sentenza appellata, laqgħet "*l-ewwel talba tas-socjeta` attrici limitatament fis-sens li minflok ma tiddikjara li l-porzjon diviza ta' art li xtrat is-socjeta` attrici permezz tal-kuntratt tat-22 ta' Novembru 2003 ippubblikat min-Nutar Mario Bugeja (Dok X) hija dik indikata bl-ahdar fuq is-site plan (Dok B) u l-pjanta (Dok A) annessi mal-istess kuntratt, tiddikjara invece li huwa lporzjon diviz ta' art kif indikata bl-ahmar fuq is-site plan a fol. 165 (li huwa wkoll il-porzjon indikat "RED" fuq il-pjanta Dok Appell 17 a fol. 149 hlief dik il-parti shaded bil-blu) li tappartjeni lis-socjeta` attrici permezz ta' dan il-kuntratt, u li l-konvenuti ghandhom biss titolu ta' qbiela fuqha.*"

v. B'rikors tat-30 ta' Jannar 2015 Salvu Farrugia u ħutu pproponew proċeduri ta' ritrattazzjoni mis-sentenza tal-

Qorti tal-Appell tal-31 t'Ottubru 2014. It-talba tar-rikorrenti għar-ritrattazzjoni saret abbażi tal-Artikolu 811 (e), (f), (g) u (l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

vi. B'sentenza tat-28 ta' Ġunju 2016 il-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għar-ritrattazzjoni tal-kawża.

Mill-premessi u mix-xhieda tar-rikorrenti jirriżulta wkoll illi:

i. Olive Gardens Investments Limited ipproċediet bil-kawża, Rik. Ġur. Nru. 344/17 LSO, fl-ismijiet Olive Gardens Investments Limited vs Salvatore Farrugia et fejn talbet lill-Qorti tipproċedi bid-dispensa tas-smigħ u tikkundanna lill-intimati sabiex f'terminu qasir u perentorju jiżgombraw mill-proprjetà in kwistjoni.

ii. L-intimati talbu żmien sabiex jintavolaw proċeduri kostituzzjonali li bihom jikkontestaw il-kawża. Minkejja li ġie lilhom konċess terminu ta' ħamest ijiem sabiex jagħmlu dan, l-intimati għażlu li ma jipproċedux b'rikors kostituzzjonali.

iii. Jirriżulta li b'kuntratt tat-23 ta' Mejju 2017 l-intimati rrinunzjaw li jikkontestaw is-sentenza tal-31 t'Ottubru 2014.

iv. Wara li l-intimati ammettaw it-talbiet tas-soċjetà Olive Gardens Investment Limited kif riflessi fir-rikors ġuramentat tagħha tad-19 t'April 2017, b'sentenza tat-23 ta' Mejju 2017 il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti u kkundannat lill-intimati sabiex jiżgumbraw mill-proprjetà in kwistjoni fi żmien perentorju ta' sebat ijiem stante okkupazzjoni mingħajr titolu validu fil-liġi.

L-intimat Avukat tal-Istat u l-kjamat in kawża eċċepew rispettivament illi l-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha skont l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso analogu kif kontenut fl-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) in kwantu li rikorrenti kellu

għad-disposizzjoni tiegħu rimedji ordinarji li naqas milli jeżawrixxi qabel ipproċeda bl-istanza odjerna.

L-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi hekk:

> *"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan issubartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

L-istess ighid l-Art. 4(2) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea:

> *(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeciedi kull talba maghmula minn xi persuna [dwar allegazzjoni ta' ksur ta' dritt fondamentali], u tista' taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li ghat-tgawdija taghhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il- persuna skond xi ligi ordinarja ohra.*

Il-ġurisprudenza rigwardanti l-applikazzjoni tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni hija estensiva. Il-Qorti qieset ukoll il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati kif citata mill-partijiet rispettivament.

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Dr. Mario Vella v. Joseph Bannister nomine deċiża fis-7 ta' Marzu 1974 il-Qorti Kostituzzjonali tat rassenja ta' dawk illi jikkostitwixxu r-rekwiziti saljenti li l-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni sabiex tiddetermina jekk għandiex tiddeklina jew le:

*"(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew ma humiex disponibbli;*

*"(b) din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta' illegalita` jew ta' gustizzja jew ta' zball manifest, ma tiddisturbax l-ezercizzju ta' diskrezzjonalita` tal-ewwel Qorti konferit mill-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni.*

*"(c) kull kaz ghandu l-fattispeci partikolari tieghu;*

*"(d) meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li seta' kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m'ghandhiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk, dak ilpossibli rimedju ma kienx pero` se jirrimedja hlief in parti llanjanzi tar-rikorrent;*

*"(e) meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero` dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta' haddiehor, allura ma tkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz;*

*"(f) meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-*

*materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-Qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik iddiskrezzjoni*."

Il-Qorti sejra tirreferi wkoll għar-riflessjonijiet li għamlet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Mediterranean Film Studios Limited vs Il-Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et deċiża fil-31 t'Ottubru 2003 fejn il-Qorti osservat illi:

> *Kif gie diversi drabi osservat kemm minn din il-Qorti kif ukoll mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) l-akkoljiment o meno ta' "eccezzjoni" ibbazata fuq il-proviso in kwistjoni jew addirittura l-applikazzjoni ex officio tal-proviso mill-Qorti hu fid-diskrezzjoni ta' l-istess Qorti. "IlQorti la trid li jsiru kawzi kostituzzjonali bla htiega u lanqas tista' timpedixxi cittadin milli jippromwovi azzjonijiet simili meta jidher 'prima facie' li ghandu kaz serju li jista' jimplika ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem" (**Oliver Siracusa noe. v. L-Onorevoli Prim Ministru noe. et**, P.A. 21/1/88, konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Novembru, 1989; ara wkoll **Alfred Balzan v. Onor. Prim Ministru et**, P.A. 28/9/90, konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Jannar, 1991). Fi kliem iehor, id-diskrezzjoni taht iz-zewg proviso in kwistjoni ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja, biex min-naha l-wahda il-Prim Awla kif ukoll din il-Qorti – il-Qorti Kostituzzjonali – ma jigux inundati b'kawzi li jistghu jigu determinati minn Qrati ohra u/jew bi proceduri ohra, u min-naha l-ohra c-cittadin (jew persuna guridika, skond il-kaz) ma jigix ipprivat mir-rimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap. 319. Dan il-hsieb gie espress bl-aktar mod car mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-5 ta' Dicembru, 1986 fil-kawza fl-ismijiet **Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et** (deciza finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April, 1991), fejn intqal hekk:*

***Il-legislatur kostituzzjonali kkonferixxa lil din il-Qorti (u lil ebda persuna jew awtorita` ohra) din id-diskrezzjoni wiesgha fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja biex minn banda 'l wahda tkun tista' twaqqaf, jekk ikun hemm bzonn anke hesrem, lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali u mill-banda l-ohra tkun tista' timpedixxi li jigu kreati ostakoli bla bzonn fit-triq ta' min ikun jidher li genwinament ikun qieghed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz ghandhom jigu ezaminati ghaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex tiddeciedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi tezercita s-setghat taghha.***

*Din il-Qorti zzid tosserva li dak li l-qorti trid tkun sodisfatta minnu hu li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur ir-rikorrent. Il-mezz xieraq ta' rimedju irid ikun wiehed potenzjalment effettiv – cioe` wiehed li jista', jew seta kieku gie utilizzat, adegwatament jikkompensa lill-vittma tal-ksur ghal dak il-ksur, jew li altrimenti jaghmel tajjeb ghal dak il-ksur, per ezempju billi l-att leziv jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi b'mod li l-vittma jitqieghed fl-istatus quo ante. Kollox jiddependi, kif inghad, fuq il-fattispeci partikolari tal-kaz.*

(ara wkoll: **Philip Spiteri vs Sammy Meilaq**", 8 ta' Marzu 1995, Qorti Kostituzzjonali; "**Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et**", 30 ta' Settembru 2010, Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali; **Joseph Fenech vs Awtorità tal-Ippjanar et"**, 9 ta' Novembru 2012, Qorti tal-Appell).

Fl-isfond ta' din il-ġurisprudenza, din il-Qorti trid tqis jekk skont il-fatti tal-kaz in diżamina:

(i) ir-rikorrenti kellux disponibbli rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi sabiex jindirizzaw il-lanjanza tiegħu; u

(ii) jekk ir-rimedju ordinarju kienx jindirizza l-ilmenti kollha tar-rikorrenti.

F'kull każ, tibqa' d-diskrezzjoni ta' din il-Qorti li tagħżel "*li teżerċita s-setgħat tagħha*" anke meta min iressaq l-ilment ikollu mezzi oħra ta' rimedju.

Kif jidher ċar mill-kronoġija tal-fatti riportata aktar 'il fuq, din il-vertenza bejn il-partijiet ilha pendenti sa mis-sena 2005. Ir-rikorrenti odjern li fil-kawża bin-numru 418/05 kien wieħed mill-intimati flimkien ma' ħutu ikkontesta bis-sħiħ il-pretensjonijiet kollha ta' Olive Gardens Investments Limited inkluż billi pproponew ritrattazzjoni. Minkejja l-fatt li l-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba għar-ritrattazzjoni u minkejja li l-aħwa Farrugia resqu sabiex iffirmaw kuntratt ta' rinunzja għall-impunjazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 t'Ottubru 2014, ir-rikorrenti odjern baqa' mhux sodisfatt mill-eżitu tal-proċeduri kollha u għalhekk qiegħed jistitwixxi din il-kawża. L-ilment prinċipali tiegħu huwa fis-sens illi s-sentenza fil-grad tal-appell inksibet minn Olive Gardens Investment Limited permezz ta' xhiediet foloz, tagħrif falz, dokumenti alterati u qarrieqa, raġġiri u aġir frawdolenti.

Il-bażi tal-eċċezzjoni tal-intimat u l-kjamata in kawża hija illi għalkemm ir-rikorrenti u ħutu pproponew ritrattazzjoni, dawn sejsu t-talba tagħhom fuq il-paragrafi (e), (f), (ġ) u (l) tal-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 liema raġunijiet ma jitrattawx l-ilment tar-rikorrenti. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha s-soċjetà kjamata in kawża tgħid illi r-rikorrenti kien messu akkampa fuq ir-raġunijiet maħsuba fil-paragarfi (a), (j), (k) u (l) tal-Artikolu 811. L-Avukat tal-Istat, waqt illi jirreferi għall-fatt illi r-ritrattazzjoni setgħet ġiet proposta in bażi għall-Artikolu 811(a) tal-Kap. 12, jgħid ukoll illi minkejja l-akkużi serji maghmula mir-rikorrenti, ma jirriżultax li dan ħa xi passi permezz ta' proċeduri kriminali fil-konfront ta' min allegatament wettaq l-atti lamentati.

Il-Qorti evalwat bir-reqqa kollha dovuta l-ilment tar-rikorrenti. Għamlet dan ukoll fl-isfond tal-proċeduri kollha li ttieħdu minn parti waħda jew l-oħra minn mindu nibtet il-kwistjoni bejn il-partijiet. Qieset ukoll illi l-kawża bin-numru 418/05 damet għaddejja s-snin u imkien mill-atti ma jirriżulta li r-rikorrenti ma kienx debitament assistit matul il-proċess ġudizzjarju kollu ibda minn dak quddiem l-Ewwel Qorti u l-proċedimenti kollha li segwew. Jidher ukoll illi r-rikorrenti kellu kull opportunità li jressaq il-provi tiegħu u li allura jattakka jew jikkontrasta x-xhieda u l-provi kollha li ressqet Olive Gardens Investments Limited fil-kors tal-proċess intier. Tant dan huwa minnu li fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti r-rikorrenti kkonferma u ammetta li ġa qabel ma ffirma l-kuntratt tat-23 ta' Mejju 2017 li bih hu u ħutu rrinunzjaw għall-impunjazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 t'Ottubru 2014, huwa kien diġà edott minn dak li allegatament huwa tbagħbis jew alterazzjoni ta' dokumenti. Madanakollu, ma jidhirx li r-rikorrenti qatt ressaq provi f'dan ir-rigward quddiem il-Qorti relattiva. Fuq kollox, anki jekk mix-xhieda tan-Nutar Malcolm Mangion jidher li dak inhar tal-iffirmar tal-kuntratt tat-23 ta' Mejju 2017 ir-rikorrenti pprotesta ruħu għall-iffirmar tal-imsemmi att, xorta waħda huwa ffirma l-att. Fil-fatt in-Nutar imsemmi xehed illi damu tlett siegħat sabiex l-att ġie ffirmat u li f'mument minnhom ir-rikorrenti odjern warrab flimkien mal-Avukat tiegħu sakemm reġa lura mal-mejda, pprotesta ruħu u ffirma l-att.

Il-Qorti qieset ukoll illi t-talba għar-ritrattazzjoni ġiet imsejsa fuq premessi żbaljati għaliex jekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti kienet tirreferi għal xhieda falza, tagħrif falz, dokumenti u pjanti alterati u qarrieqa, raġġiri u għemil frawdolenti allura l-kawża kellha tabilħaqq tiġi msejjsa fuq paragrafi tal-liġi differenti minn dawk li strahu fuqhom ir-rikorrenti. Dan l-iżball jew nuqqas żgur illi ma jistax jiġi sanat permezz ta' dawn il-proċeduri li min-natura tagħhom huma straordinarji. Kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li jibbazaw it-talba tagħhom fuq id-disposizzjonijiet tal-liġi l-aktar pertinenti għall-ilment tagħhom. Żgur illi tali nuqqas ma jistax jiġi sanat issa partikolarment għaliex hawnhekk il-Qorti mhijiex qeghda tqis nuqqas ta' rimedju ordinarju. Fil-fehma tal-Qorti r-rimedju kien disponibbli għar-rikorrenti mhux biss għaliex seta'

bbaża r-ritrattazzjoni fuq dispożizzjonijiet rilevanti għall-ilment iżda wkoll għaliex jekk tabilħaqq kien hemm ċirkostanzi tant sejri kif qiegħed jiġi allegat mir-rikorrenti, allura kien messu ħa passi permezz ta' proċeduri kriminali fil-konfront ta' kull min seta' allegatament wettaq l-atti allegati. Dan però ma sarx u issa ma hemm ebda triq oħra għajr illi r-rikorrenti jagħraf in-nuqqas tiegħu. Fuq kollox, il-Qorti tirribaddxxi li r-rikorrenti u ħutu kienu adegwatament rappreżentanti f'kull stadju tal-proċess u għalhekk żgur illi jekk tabilħaqq kien hemm iċ-ċirkostanzi lamentati mir-rikorrenti dan seta' faċilment jiġi miġjub a konjizzjoni tal-Qorti fl-istadju propizju.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt, il-Qorti ssib illi l-eċċezzjoni rispettivament sollevata mill-Avukat tal-Istat u mis-soċjetà Olive Gardens Investments Limited hija ġustifikata. Għalhekk, waqt illi tilqa' l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas t'eżawriment tar-rimedji ordinarji, il-Qorti sejra tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha u konsegwentment sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet imressqa għall-ġudizzju tagħha.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' it-tielet eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat u r-raba' eċċezzjoni tal-kjamata in kawża Olive Gardens Investments Limited, tiddikjara għalhekk illi r-rikorrenti m'eżawrix ir-rimedji ordinarji għalih disponibbli u konsegwentement ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Annetto Farrugia.

IMHALLEF

DEP/REG